MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1746/2001/1

**GES Aluminium Limited**

**Vs**

**Joseph Delia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ Lm580.00c (hames mija u tmenin lira Maltin) liema ammont hu bilanc dovut minn kont totali ta’ Lm680.00c (sitt mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti xoghol ta’ grada tal-hadid ezegwit fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ecepixxa li preliminarjament ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante li l-ordni u l-invoice saru u inharget minn Christopher Mamo. Illi minghajr pregudizzju kien miftiehem ghal Lm285.00c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin) u mhux Lm580.00c

(hames mija u tmenin lira Maltin) u qal ukoll illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ra d-dokumenti esbiti.

Ra s-seduta datata tas-26 ta' Novembru, 2002 li fiha xehed il-konvenut fejn ikkonferma li ghamel l-ordni ma' Chris Mamo izda lil Saviour Mamo ma jafux. Spjega lil Chris Mamo x'gate kellu bzonn fi zmien xaghrejn ghaliex ridt jixhed il-bricks u wrieh wahda bhala. Il-konvenut jghid li spjega lil Chris Mamo fejn ried il-gate bl-injam u li l-konvenut stess kien ser jaghmel l-injam. Jikkonferma li Chris Mamo talbu Lm285.00c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin), xejn bil-miktub. Jikkonferma wkoll li ta lil Chris Mamo cheque ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin) bhala deposit u jghid li kull darba li cempillu biex jibda il-gate, Chris Mamo kien jghidlu li kien qed jiehu hsiebha hu izda wara tlett xhur u nofs waslet il-gate. Il-konvenut jghid li kellu jikri magna biex jitrasporta l-gate ghax Chris Mamo qal li l-high up tieghu kien bi hsara. Jghid li l-gate ma gietx kif suppost ghalhekk iddecieda li jordna gate ohra minghand haddiehor u jaqla li ghamillu Chris Mamo. Wara li qala' l-gate rcieva l-kont ta' Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin) u jerga jikkonferma li l-ftehim kien ta' Lm285.00c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin). Jghid li fil-kont kien hemm diversi affarijiet li ma kienux fthemu dwarhom. Il-konvenut jichad li kien ihalli x-xoghol ghand Saviour Mamo, sar jaf lil istess Saviour Mamo wara li ordna l-gate. Jiftakar li kien mar darbtejn fejn jahdem Chris Mamo u kien qallu li l-gate ma kienetx gejja sewwa. Il-konvenut jichad li ziedlu x-xoghol wara din l-okkazzjoni izda jinsisti li l-gate twahhlet bl-ghajnuna tieghu stess. Ma jaqbilx li kien mar jitlob il-kont fil-garaxx ta' Saviour Mamo izda kien mar fl-istess garaxx biex jikkontesta l-kont ta' Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin).

Ra s-seduta datata 20 ta' Frar, 2003 li fiha xehed Chris Mamo fejn jikkonferma li GES Aluminium Limited hija ta' missieru Saviour Mamo u hu jghin lil missieru jahdem il-hadid ghan-nom tal-kumpanija attrici. Chris Mamo qal li saret laqgha fejn il-fabrika ta' GES Aluminium. Dak in-nhar stess marru l-ghalqa tal-konvenut u Chris Mamo

kejjel il-gate. Imbaghad hareg l-istima esebita bhala Dok CM. L-istima hija mahruga fuq letterhead ta' socjeta' ohra li hija sussidjarja tas-socjeta' attrici. Mamo qal waqt ix-xoghol il-konvenut kien jghidlu li kien kuntent bil-gate. Imbaghad Mamo wahhal il-gate. Kien ghad fadal xi xoghol fuq il-gate. Il-konvenut ried kont inghata kont. Il-konvenut insista li l-ftehim kien Lm285.00c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin) u mhux izjed.

Mamo qal: "kif diga ghidt il-ftehim kien sar mieghi personali u jiena miniex direttur u lanqas azzjonista tas-socjeta' attrici. Jiena lill-konvenut kont ghidtlu li kont se nahdem fil-garage tal-kumpanija Rod Iron. Ix-xoghol sar minni. Jiena miniex impjegat tas-socjeta' attrici. Jiena sempliciment nghin lis-socjeta' attrici li hija kumpanija tal-attrici".

Fl-istess seduta xehed Saviour Mamo direttur tas-socjeta' attrici. Saviour Mamo qal li Christopher Mamo talbu biex jaghmel stima ghal gate ghal konvenut. Saviour Mamo qal li ghamel "stima rough" u imbaghad it-tifel Christopher kiteb l-istima esebit a Fol. 14.

Saviour Mamo qal li l-konvenut kien jigi spiss il-garage tas-socjeta' attrici u kien ihalli injam hemmhekk. Saviour Mamo qal li l-kummenti tal-konvenut dwar il-gate kienu favorevoli dan qabel ma twahhal il-gate. Wara l-konvenut kien insista ghal kont u kien qal li li gate ma kienx qed joghgbu. Saviour Mamo qal li kien ircieva deposit "Nahseb ta' xi mitt lira". Saviour Mamo zied qal "jiena ma ghandix rcevuta jew kopja ta' rcevuta…Jiena nimmagina li kien tah ircevuta it-tifel fuq xi karta li kiteb hu.

Ikkunsidra dwar l-ewwel eccezzjoni:

Illi hemm diversi fatturi li juru li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet:

Il-Quotation a fol 14 hija minn "CMA Wrought Iron Works". Fl-invoice ma hemm ebda indikazzjoni li din hija mahruga mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta’ attrici naqset li tesebixxi kopja tal-ircevuta tad-deposit jew xi evidenza li dan l-ammont thallas ghand is-socjeta’ attrici.
Fix-xhieda tieghu Chris Mamo jghid li hu mhux impjegat tas-socjeta' attrici.
Chris Mamo jghid ukoll li “il-ftehim sar mieghi personali” lx-xoghol sar minni”.

Is-socjeta’ attrici esebiet ittra miktuba mill-avukat tal-konvenut lil Chris Mamo dwar dan il-gate. Is-socjeta’ attrici ma esebiet ebda risposta ghal din l-ittra fejn jghid li s-socjeta’ attrici ghamlet ix-xoghol in kwistjoni.

Il-konvenut esebixxa ittra ohra indirizzata lil Chris Mamo. Is-socjeta’ attrici ma esebiet ebda risposta.

Illi l-atturi kellhom l-opportunita li jixhdu wara li kien xehed il-konvenut u wara li l-konvenut kien ecepixxa preliminarjament li ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenut u s-socjeta’ attrici. Minkejja dan il-fatt l-atturi naqsu li jipprezentaw provi kredibli biex juru li kien hemm ftehim bejn is-socjeta’ GES Aluminium Limtied u l-konvenut. Anzi d-dokumenti esebiti mis-socjeta’ atttrici stess ma jaghmlu ebda referenza ghas-socjeta’ attrici. Il-fatt li l-konvenut kien jiltaqa fejn fabrika jew garage tas-socjeta’ attrici ma jfissirx li kellu xi relazzjoni guridika ma’ din is-socjeta’. Fix-xhieda taghhom Saviour u Chris Mamo ma jghidux li kienu nformaw lill-konvenut li kienu qed jaghmlu x-xoghol ghan-nom tas-socjeta’ attrici.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija gustifikata. It-Tribunal ghalhekk jichad l-kawza bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------